**Koalizzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija**
e nahlamaltija@gmail.com | w facebook.com/NahlaMaltija

Ref. 22-1

30 ta' Awwissu 2022

AZZJONI IMMEDJATA DWAR IŻ-ŻIEDA FIL-POPOLAZZJONI TAL-BAGĦAL TAŻ-ŻUNŻAN

***Lil:*** *Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi (ERA); Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża; Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali*

Dawn l-aħħar snin iż-żieda qawwija fil-popolazzjoni tal-Bagħal taż-Żunżan (*Vespa orientalis*) saret allarmanti. Sal-lum għadu sar biss studju preliminari dwar dan l-insett indiġenu. Għalkemm fil-passat jidher li dan kien speċi rari fil-Gżejjer Maltin, riċentament iż-żieda fil-firxa u numri hi sostanzjali u sinjifikanti. Dan qed iwassal sabiex din il-problema qed tkun ta' theddida għall-apikultura lokali kif ukoll għan-nies inġenerali. Xi raġunijiet possibbli għal imsemmija żieda drammatika fil-popolazzjoni tal-Bagħal taż-Żunżan huma:

1) Kawżi antropoġeniċi inkluż l-urbanizzazzjoni jistgħu jkunu waħda mir-raġunijiet ewlenin għal din iż-żieda. Iż-żieda fil-popolazzjoni tan-nies u sussegwenti urbanizzazzjoni tfisser li din l-ispeċi għandha sors ta' ikel iktar disponibbli li faċilment tista' tisfrutta. Din iż-żieda setgħet involontarjament wasslet għal splużjoni fil-popolazzjoni ta' dan l-insett. Strutturi abbandunati, jistgħu wkoll jipprovdu abitati ideali fejn il-Bagħal taż-Żunżan ibejjet.

2) It-tibdil fil-klima qed jikkawża ħafna bidliet fl-ekosistemi. Dawn il-bidliet direttament jew indirettament jissarfu f'konsegwenzi għal katina ekoloġika li jiddependu fuq l-ekosistemi affetwati, inkluż imma mhux limitat għal bdil fit-tip u l-kwantità ta' flora u fawna. Eżempju ċar ta' dan huwa ż-żieda qawwija fin-numru ta' bram li esperjenzajna dan l-aħħar tul xtutna.

Kif tistgħu taraw mill-vidjos mehmużin fil-forma ta' ħoloq f'din l-ittra elettronika (iktar 'l isfel), frieħ u kolonji tan-naħla tal-għasel qed jiġu kontinwament assedjati minn dan il-Bagħal taż-Żunżan. Il-perjodu ta' preżenza ta' dan l-insett pesti hu wieħed sostanzjali (bejn 2-3 xhur kull sena) u konsegwentement;

1) In-naħħala ma jistgħux jagħmlu frieħ ġodda għax dawn jiġu maqtula mill-preżenza ħostili tal-Bagħal taż-Żunżan. Minħabba f'hekk il-perjodu ta' dan il-proċess sar limitat ħafna, u dan il-fattur inaqqas b'mod dirett is-sostenibbiltà tas-settur għax ma jkunx hemm biż-żejjed tiġdid fil-kolonji tan-naħal minn sena għal oħra.

2) It-telf ta' ħafna naħal ifisser tnaqqis fil-popolazzjoni tal-kolonji, liema kolonji ma jkunux jistgħu jkunu produttivi biżżejjed fl-istaġun tal-għasel li jkun imiss. Dan ifisser telf fil-produzzjoni tal-għasel u għalhekk inaqqas mis-sostenibbiltà tas-settur.

3) Għalkemm in-naħla lokali (*Apis mellifera ruttneri*) għandha tipi t'adattament sabiex tipproteġi lilha nnifisha kontra din il-pesti, il-problema tant saret kbira li qas dawn m'huma biż-żejjed. Konsegwentament din taf tissakkar fil-kaxxa flok toħroġ tiġbor in-nektar u trab tad-dakra. Anke mil-lat ta' konservazzjoni tan-Naħal Maltija li hi endemika għal gżejjer Maltin, dan l-insett sar theddida.

Vidjos juru l-Bagħal taż-Żunżan jdur u jfittex għal ikla naħal li jmiss:



**Koalizzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija**
e nahlamaltija@gmail.com | w facebook.com/NahlaMaltija



L-imsemmija konsegwenzi huma fost l-ilmenti miġbura ta' ħafna naħħala u nies inġenerali. Għalhekk hu fl-interess ta' kulħadd li tittieħed azzjoni mill-aktar fis possibli fuq din il-problema reali, għaliex jekk le, il-konsegwenzi dejjem ser jintensifikaw f'ċiklu vizzjuż. Nifhmu li dan hu insett indiġenu u għalhekk ma jistax jiġi eradikat kompletament. Però hemm bżonn li l-popolazzjoni tiegħu (li żdiedet b'mod artifiċjali minħabba effetti antropoġeniċi) tiġi kkontrollata għal livelli li jkunu sostenibbli. Għaldaqstant, qed nitolbu li jiġi mfassal pjan ta' azzjoni serju, f'koordinazzjoni bejn entitajiet governattivi u NGOs relevanti (direttamanet jew indirettament) u tiġi indirizzata din il-problema f'kooperazzjoni sħieħa. Din hi ittra miftuħa u l-kommunikat kollu jew in-nuqqas tiegħu ser jiġi pubblikat b'mod pubbliku.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem.

Tislijiet,
Koalizzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija